# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Alfonso Anastasi**

**Kumpilazzjoni Nru: 1153/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfonso Anastasi detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 652843(M).

Akkuzat talli personalment u fil-kapacita' tieghu ta' segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, f'Lulju 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' iktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u tal-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir

uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu.

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus mill-istess Kunsill Lokali tal-Mosta u tal-Gvern ta' Malta, liema serq hu aggravat bil-valur.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat f'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli:

- 18, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18, 261(1)(c), 267, u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 17, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat id-degriet taghha ta'l-10 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema laqghet eccezzjoni sollevata mill-imputat u ddikjarat inammissibbli bhala prova id-dokument Dok 1, u d-dokument MB1.

Rat li fil-kors tas-sottomissjonijiet minnu maghmula l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni dwar serq ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni qed tallega li meta l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta ha ghalih flus (cash u cekkijiet) appartenenti lill-Kunsill.

Illi l-ufficjal prosekutur xehed[1] u spjega li l-pulizija involvew ruhhom f'dan il-kaz fuq rapport maghmul fis-27 ta' Lulju 2007 minn Dr Paul Chetcuti Caruana, li dak iz-zmien kien is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, minhabba suspett ta' frodi perpetrat mill-imputat.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fil-Kunsilli Lokali jsiru diversi hlasijiet, fosthom: citazzjonijiet, kera dovuta lill-Gvern, licenzji, kif ukoll permessi ta'l-MTA. Dawn il-hlasijiet jigu depozitati l-bank biex mbaghad jigu mghoddija lill-entitajiet f'isem minn ingabru. Fil-Kunsill Lokali tal-Mosta jidher li kien hemm sistema permezz ta liema f'l-ahhar tal-gurnata minn jircievi l-flus fil-front office kien ipoggi l-flus (cash jew cekkjiet) f'envelopes u jghaddihom lis-segretarju ezekuttiv; dan mbaghad kellu jaghmel rendikont tal-hlasijiet u jghaddihom lil xi impjegti ohra tal-Kunsill biex jigu depozitati l-Bank. Hemm regoli li fil-Kusilli Lokali ma kellhomx jinzammu aktar ammont partikolari u cioe Lm100.

Illi mill-atti processwali rrizulta ukoll li, dak in-nhar li sar ir-rapport u cioe fis-27 ta' Lulju 2007 u fil-granet ta' wara, f'l-ufficcju ta'l-imputat (fil-bini tal-Kunsill Lokali) instabu hafna envelopes li fihom kien hemm kemm flus kontanti kif ukoll cekkijiet; dawn instabu f'l-iskrivanija u f'safe. L-ghada li sar ir-rapport, ghalhekk fit-28 ta' Lujlu 2007, l-imputat iddepozita s-somma ta' Lm17,000 (cash) fil-kont li l-Kunsill Lokali kellu ma'l-APS Bank.

Illi Dr Paul Chetcuti Caruana xehed[2]; hu jghid li f'l-elezzjoni ta' Marzu 2007 giet elett Sindku. Jispjega li ftit wara bdew jircievu ittri mill-wardens ghaliex kienu ilhom ma jsiru d-depoziti; jispjega ukoll li hu kien kellem lill-imputat fuq id-depoziti diversi drabi. L-imputat kien jghidlu li ha jiehu hsiebhom u li ser jaghmel ir-reconciliation pero kien jghidlu ukoll li kien imhabbat, fatt rikonoxxut mix-xhud[3]. Ix-xhud kompla jispjega li kien hemm anke nies impjegati mal-Kunsill li bdew jigbdulu l-attenzjoni ghal fatt li depoziti ma kienux qed isiru. Kien hemm gurnata minnhom meta fi kliem ix-xhud, mar b'certu rabbja il-Kunsill u qal lill-imputat li ried jara l-ufficju

[1] Depozizzjoni a fol 16 et seq.
[2] Depozizzjoni a fol 31 et seq.
[3] Ix-xhud spjega li l-imputat kien ikollu hafna x'jaghmel anke minhabba progetti li kien involut fihom l-Kunsill.

tieghu, dahal ma' (certu Carmel Camilleri) bdew ifitxxu u sabu l-envelopes bil-flus u cekkijiet. Chetcuti Caruana ha struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u cempel lill-pulizija biex jaghmel ir-rapport.

Illi xehed ukoll Joe Demartino[4], li okkupa diversi karigi fil-Kunsill, inkluz sindku u vici-sindku. Hu jghid li kien hemm okkazzjoni meta xi skrivani gibdulu l-attenzjoni li kienu ilhom ma jiddepozitaw flus ghalhekk hu tkellem ma'l-imputat li spjega li minhabba pressjoni ta' xoghol kien waqa' lura fid-depoziti. Ftit taz-zmien wara Demartino kelliem lil wahda mill-iskrivana biex jiccekkja dwar id-depoziti u qaltlu li kienu qeghdin jiddepozitaw. Eventwalment Demartino kien ra lill-imputat u saqsih fuq d-depoziti u l-imputat ikkonfermalu li kollox kien sewwa. Ftit wara inqala dak l-incident meta Dr Chetcuti Caruana mar jaffronta lill-imputat u involva lill-pulizija; f'dak l-episodju Demartino saqsa lill-imputat jekk kienx zamm aktar flus milli suppost f'l-ufficju u l-imputat ikkonferma li iva.

Illi Romina Perici Ferrante, li hija accountant u kienet inkarigata mill-Kunsill fil-perjodu in ezami, tressqet bhala xhud ukoll[5]. Hi tispjega li hi kienet tmur il-Kunsill darba jew darbtejn fix-xahar biex taghmel ir-reconciliations, hija kienet taghmel ukoll il-quarterly report. Spjegat li fir-reconciliations gieli innutat li kien hemm depozitu li ma kienux qed isiru u ghalhekk kienet tigbed l-attenzjoni ta'l-imputat li kien jirrimarkalha li ghandu hafna x'jaghmel pero mbaghad id-depoziti kienu jsiru fiz-zmien ghall-quarterly report. Fl-fatt ix-xhud kienet tal-fehma li ma kellhiex ghalfejn tirraporta lis-Sindku jew xi hadd iehor li d-depoziti ma kienux qed isiru mill-ewwel ghaliex "*meta konna nigu ghal qurterly kienu jsiru d-deposits*"; hi ccarat li la darba kienu qed isiru ma hassitx li kien relevanti jekk iddepoziti kienux qed siru fil-bidu jew f'l-ahhar tal-quarter. Ix-xhud qalet ukoll li hi ma rat xejn aktar li steghet ma haditx pjacir bih. Ix-xhud spjegat ukoll xi mizuri li hadet wara t-tluq ta'l-imputat mill-kariga tieghu ghal xi flus li jistghu jinstabu nieqsa, u tghid ukoll li hi ma tafx li kien hemm xi claims kontra l-Kunsill mill-entitajiet li f'isimhom il-Kunsill kien jigbor il-flus dwar xi diskrepanzi f'l-ammonti depozitati.

Illi l-iskrivana tal-Kunsill, Rita Galea u Nadia Camilleri, ikkonfermaw fid-depozizzjoni taghhom[6] li minn zmien ghal zmien kienu jinnutaw li d-depoziti ma jkunux qed isiru u ghalhekk kienu jigbdu l-attenzjoni,

[4] Depozizzjoni a fol 152 et seq
[5] Depozizzjoni a fol 183 et seq.
[6] Depozizzjoni a fol 419 u 434 rispettivament.

inizjalment ta’ l-imputat innifsu, u mbaghad tas-sindku jew xi kunsilliera. Jghidu li eventwalment id-depoziti kienu jsiru.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda ohra: il-kunsilliera l-ohra kollha, xi impjegati ohra tal-Kunsill, u l-pulizija involuti f’l-investigazzjoni kollha biex jirrakkontaw dak li gara fis-27 ta’ Lulju u fil-granet ta’ wara meta nstabu l-envelopes bil-flus u cekkijiet. Tressqu ukoll bhala xhieda xi ufficjali mid-Dipartiment ghal Gvern Lokalil.

Illi dawn ix-xhieda pero ma jaghtu l-ebda informazzjoni utli ghar-rizoluzzjoni ta’ dan il-kaz hlif konferma tal-kariga li kien jokkupa l-imputat fil-kaz ta’l-ufficjali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u fil-kaz tx-xhieda l-ohra konferma jekk kien hemm bzonnha, li f’l-ufficju ta’l-imputat kien hemm hafna envelopes bi flus kontanti u cekkijiet li kienu gew mghoddija lilu minn impjegati ohra tal-Kunsill biex jigu depozitati l-bank.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar appropjazzjoni indebita.

Illi l-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat huma ben stabbiliti fid-dottrina u l-gurisprudenza; irid jigi pruvat li l-imputat:

1. irceva flus jew xi haga minghand xi haddiehor;
2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik il-haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b’mod specifiku;
3. u minflok ma jaghmel hekk, dawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor.

Illi biex jigi pruvat ir-reat huwa necessarju ukoll li jissussisti d-dolo, cioe l-konsapevolezza li qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-propjetarju ta’l-oggett jew tal-flus in kwistjoni.

Illi fil-fatt biex jissussisti dan ir-reat irid ikun hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta’ l-misappropjazzjoni ta’ oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Din il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor.

Illi skond l-Antolisei:

> *La vera essenza del reato consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*[7].

Illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali kellha l-opportunita li tikkummenta dwar l-elment intenzjonali rikjest fir-reat in ezami f'crikostanzi meta l-agent naqas li jrodd tempestivament flus konsenjati lilu. F'dik is-sentenza, Il-Pulizija vs Dr Siegried Bborg Cole[8], il-Qorti ghamlet referenza ghal dak li jghid Maino, u cioe:

> *... a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ...* ***il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione***[9]*: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. ... .... In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo.*

Illi aktar minn hekk fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs John Gauci l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet li:

---

[7] Manuale di Diritto Penale, Giuffre` 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276
[8] Deciza 23.12.2003.
[9] Sottolinear ta'din il-Qorti.

*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur* ***u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers[10].***[11]

Illi dwar l-uzu divers jew il-konverzjoni da parti ta'l-agent il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-sentenza fuq kwotata Il-Pulizija vs Dr Siegfried Borg Cole, wara li kkonstatat li *fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita* regghet ghamlet referenza ghal dak li jghid Maino:

*Trattandosi di somme di denaro l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione,* ***ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario[12].***

---

[10] Sottolinear ta' din l-Qorti.
[11] Deciza fl-14 ta' Frar 1997.
[12] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami dak li jrid jigi pruvat hu li l-imputat ircieva flus, b'l-obbligu li jaghmel uzu specifiku minnhom; li l-imputat ghamel uzu diversi minn dak specifikat billi appropjahom ghal skopijiet personali; u li dan kollu sar b'l-intenzjoni specifika li jaghmel profitt ghalih jew ghal hadd iehor.

Illi mill-provi prodotti m'hemmx dubbju li l-imputat ircieva flus tal-Kunsill u li dawn ircevihom biex jaghmel uzu specifiku minnhom, cioe li jiddepozitahom il-Bank f'isem il-Kunsill. Jirrizulta ukoll li d-depoziti ma kienux qed isiru tempestivament u li kien hemm xi okkazzjonijiet meta s-sindku jew kunsilliera ohra gibdu l-attenzjoni ta'l-imputat dwar dan il-fatt. Jirrizulta ukoll li meta gew involuti l-pulizija kien hemm numru ta' cekkijiet u flus kontanti (inkluz is-somma fuq imsemmija ta' Lm17,000 li giet depozitata fil-kont ta'l-APS) li kienu fil-pussess ta' l-imputat.

Illi min-naha l-ohra mill-provi jirrizulta ukoll li tul is-snin d-depoziti, ghalkemm tardivament, kienu qed isiru tant li kienu jigu inkluzi fil-quarterly reports. Aktar minn hekk ma ngiebet l-ebda prova li fil-perjodu meta l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' segretarju ezekuttiv kwalunkwe wahda mill-entitajiet li f'isimhom kienu jingabru l-flus mill-Kunsill, ghamlu xi allegazzjoni ta' diskrepanzi fil-flus dovuta lilhom u eventwalment depozitati mill-imputat[13]. Lanqas ma ngibet prova li kien hemm xi allegazzjoni ta' xi diskrepanzi fil-flus tal-Kunsill innifsu cioe l-flus li l-Kunsill kien jircievi f'ismu propju fis-snin precedenti ghas-sena 2007. Huwa minnu li Dr Chetcuti Caruana jallega li fis-sena 2007 kien hemm diskrepanza ta'madwar Lm10,000 pero ma ngiebet l-ebda prova ammissibli ta' x'kien jirraprezenta dan l-ammont u x'wassal ghall-konkluzzjoni li kien hemm diskrepanza u f'liema ammont.

Illi aktar importanti pero huwa n-nuqqas ta' prova li dawk l-Lm10,000 jew kwalunkwe ammont iehor mill-fondi tal-Kunsill gew utilizzati mill-imputat "*in uso propio"* jew *"a scopo di sottrarla al proprietario".*

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

[13] L-unika ilment li kien hemm kien dwar id-dewmien biex isir id-depozitu.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar serq. Ghall kull fini ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni ibbazata l-kaz primarjament fuq l-ewwel imputazzjoni aktar minn din it-tieni imputazzjoni li ngiebet bhala alternattiva.

Illi huwa pacifiku li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluza tal-haga ta' haddiehor, maghmula invito domini, bi skop ta' lukru. Fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo *this is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner thereof* [14].

Illi dan ifisser li biex jissussisti r-reat ta' serq il-haga trid tittiehed kontra l-volonta ta' sidha. Dwar dan l-element il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *Ownership of property being an inalienable right, it is manifest that the consent of the owner to the taking of the thing by an other, providing it is freely and spontaneously given, excludes the crime of theft*[15]. .......
>
> *...... There are, however, cases in which, exceptionally, the fact that the owner parted with the possession of the thing does not negative theft. There are when ..... the delivery is made under such circumstances as to show that the owner did not intend parting with his possession, thus if one person shows a watch to another and hands it over to him to examine and the other person runs away with the watch.*[16]

Illi huwa ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li element formali tar-reat ta' serq huwa l-*animus lucrandi* cioe *qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata*[17].

Illi d-differenza bejn is-serqu l-approjazzjoni indeita tista' tigi sintetizzata fi kliem Francesco Antolisei:

> *Ambedue questi reati, ... , presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto*

[14] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 270.
[15] Op cit pagna 280.
[16] Op cit pagna 282.
[17] Ref: Pulizija vs John Galea et – Appell Kriminali deciz 30.01.2003

> *col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario.*[18]

Illi kif diga ntqal fil-motivazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni mill-atti jirrizulta li l-flus u c-cekkijiet li l-imputat kellu fil-pussess tieghu  u li kienu tal-Kunsill inghataw lilu liberament mill-iskrivana tal-Kunsill fil-kors tax-xoghol normali taghhom. Aktar minn hekk ma jirrizultax, ghaliex ma ngiebet l-ebda prova, li l-imputat kien utilizza dawk il-flus jekk mhux biex jiddepozitahom fil-kont ta-Kunsill, ghalkemm tardivament.

Illi tenut kont ta’ dan lanqas it-tieni imputazzjoni ma tista tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[18] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale Vol I pagna 354.